**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

## AVVIŻ GĦALL-ATTENZJONI TAR-RESIDENTI TA' ĦAL LIJA

# 'Irrestawra Darek'

Skema ta' restawr għal djar residenzjali f'Malta li jinstabu f'żoni ta' konservazzjoni urbana (urban conservation areas- UCAs)

- Permezz ta' din l-iskema 'first time buyers' ta' Grad 1 (residenzjali) u Grad 2(bini skedat) jistgħu japplikaw għal tnaqqis fuq 70% tal-ispejjeż eliġibbli ta' restawr u kif ukoll xogħlijiet ta' konservazzjoni fuq il-faċċata u l-intern tad-dar, sa massimu ta' €100,000.

- 'First time buyers' li xtraw residenza antika, li tinstab fi żona ta' konservazzjoni urbana, jistgħu japplikaw għal tnaqqis sa massimu ta' €10,000.

- Din l-iskema tista' tintuża wkoll minn dawk is-sidien li għandhom xi residenzi privati li jinstabu f'żona urbana, u li jixtieqħu jwettqu xi restawr jew manutenzjoni tax-xogħlijiet fuq il-faċċata tal-propjeta tagħhom. Sidien privati ta' dawn it-tip ta' residenzi jistgħu japplikaw għal għotja ta' 70% tax-xogħlijiet sa massimu ta' €10,000. Għal Grad 1 u Grad 2 ta' bini skedat, hemm għotja ta' tnaqqis sa massimu ta' €100,000.

- Din l-iskema ġiet proposta mill-Awtorita' tal-Ippjanar u mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Biex residenti jkunu mħeġġa aktar japplikaw għal din l-iskema, l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, laħqu ftehim biex jkun hemm disponibbli s-servizzi professjonali ta' perit fil-lokalita'.

- **Din l-iskema li se tibda fis-16 ta' Jannar 2017 u se tkun disponibbli sa massimu ta'€8,000,000, fuq bażi ta' 'first come first serve', sat-30 ta' April, 2017.** Ix-xogħlijiet għandhom jibdew wara l-1 ta' Jannar 2017. Għal din l-iskema huwa mportanti li rċevuti fiskali jinżammu.

- **Formoli ta' applikazzjoni u linji ta' gwida se jkunu disponibbli għal kull min huwa nteressat mis-16 ta' Jannar 2017.**